**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 15 ta` Settembru 2015**

**Kawza Nru. 2**
**Cit. Nru. 500/96 JZM**

**David DeMarco ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta` Hal Mann Tiling Projects Limited**

***u***

**b`digriet tat-2 ta` Gunju 2015 "Hal Mann Tiling Projects Limited" gie jaqra "Hal Mann Projects Limited"**

***kontra***

**Avukat Dottor Tonio Azzopardi u Isabelle mart l-istess Dottor Tonio Azzopardi ghal kull interess li jista` jkollha**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ic-citazzjoni prezentata fl-14 ta` Frar 1996 li taqra hekk :–

*Peress li s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-konvenuti fl-ammont ta` elfejn sitt mija u sebgha u tletin Liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm2,637.49), liema ammont jirraprezenta l-bilanc ta` prezz ta` bejgh u konsenja ta` rham lilhom mibjugh u konsenjat u kif ukoll il-prezz ta` xoghol ta` tqeghid tal-istess mill-istess socjeta` attrici (Dok "A")` fi proprjeta` tal-konvenuti f`H`Attard, u dan skond ftehim datat it-tnax (12) ta` Novembru, elf disa` mija u wiehed u disghin (1991) (Dok "B") ;*

*Peress li s-socjeta` attrici wettqet l-inkariku minnha assunt, u forniet il-materjal mitlub skond kif pattwit, u, b` mod partikolari, billi x-xoghol ta` tqeghid tal-imsemmi materjal sar skond is-sengha w l-arti ;*

*Jghidu l-konvenuti ghaliex, ghar-ragunijiet imsemmija, m`ghandhiex din il-Qorti :-*

*1) Tikkundannahom, jew lil min minnhom, sabiex ihallsu lill-attur nomine s-somma ta` Lm2,637.49, bilanc ta` prezz ta` rham lilhom mibjugh u konsenjat u wkoll ta` xoghol ta` tqeghid tal-istess minnhom ordnat u lilhom fornit kif fuq inghad.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta` l-ittra interpellatorja tas-26 ta` Frar, 1996, oltre ghall-imghaxijiet legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur nomine, il-lista tax-xhieda ndikati, u l-elenku tad-dokumenti esebiti mac-citazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li pprezentaw il-konvenuti fil-5 ta` Frar 1997 li taqra hekk :–

*1. Preliminarjament, it-talba attrici giet preskritta a tenur ta` l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili stante li l-ftehim sar fit-12 ta` Novembru 1991, mentri c-citazzjoni giet notifikata fl-20 ta` Jannar 1997 minghajr fil-frattemp ma gie notifikat l-ebda att gudizzjarju dwar il-kreditu pretiz ;*

*2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-irham `beige` imwahhal mill-atturi kien `chipped` f`hafna bnadi tant illi hemm xquq f`hafna mill-paviment. Hafna mill-irham fih lewn distint rosa, minbarra zewg kwalitajiet ohra. Barra dan, ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u sar minghajr sorveljanza ghaliex is-Sur Alfred Cefai li kellu jissorvelja x-xoghol waqt li jkun qed isir, hareg bil-`vacation leave` fiz-zmien meta kien qed isir it-twahhil tal-irham. Ix-xoghol kien jiddependi biss mill-haddiema subkontrattati mis-socjeta` attrici u dan nonostante li l-esponenti kienu nsistew li ssir sorveljanza stretta mis-socjeta` fuq l-impjegati taghha waqt ix-xogholijiet. Minflok ix-xoghol sar minn haddiema `subcontracted` u minghajr sorveljanza ;*

*3. Illi anke l-`polishing` huwa difettuz. Marco Vella, li gie hafna drabi biex jara d-difetti ghan-nom tas-socjeta` attrici, ghamel minn kollox biex jissodisfa lill-eccipjenti, izda, kif stqarr huwa stess, certi affarijiet jew isiru sew mill-ewwel jew impossibbli jigu rimedjati wara. Biex tipprova ttaffi, is-socjeta` attrici baghtet haddiem b`portable polisher jew grinder li, minflok irranga l-istat tal-irham, beda jobrox l-irham u jhalli fdal tal-metall iswed fix-xquq li kompla jkerrah l-irham, tant illi dan kellu jigi mwaqqaf ;*

*4. Illi s-socjeta` attrici sussegwentement baghtet perit biex jaghtiha parir, Joseph Ellul Vincenti, u dan, filwaqt li ma` l-eccipjenti beda jistqarr li kellhom ragun jilmentaw, fir-rapport li pprepara ghas-socjeta` li nkarigatu, qal :- "Minn dan ir-rapport jidher car li x-xoghol konsenjat mill-kumpanija taghna ma kinx difettuz". L-eccipjenti kkonfrontawh fuq hekk. Inkredibilment dan wiegeb :- "Tista' taghmel tapit u tghattihom". Wara li l-eccipjenti qalulu li ma kinux hallsu l-flus biex jghattu il-paviment bi- twapet, huwa qal :- "True, I should never have said that".*

*5. Illi l-eccipjenti wkoll inkarigaw perit biex jaghtihom parir u dan irriskontra hafna difetti (Dok. VC) ;*

*6. Illi `polishing` tad-dberfila ta` madwar it-tarag, li sar minghajr sorveljanza, huwa `qasir` (i.e. ma jasalx sat-tarf) u allura meta twahhal l-irham tad-berfila, kien fadal `margin` id-dawra kollha tat-tarag li hi minghajr `polishing`. Dan il-`margin` mhux illustrat jidher ikrah hafna ghaliex jolqot l-ghajn ;*

*7. Illi dan kollu jfisser li l-appalt sar hazin u ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti, u ghalhekk is-socjeta` attrici m`ghandhiex tithallas hlief is-somma ta` Lm3,765.70,0 li gia` thallset lilha, li hija bizzejjed ghax-xoghol medjokri li sar.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom, u l-elenku tad-dokumenti esebiti man-nota ta` l-eccezzjonijiet.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-1 ta` Ottubru 1997 fejn hatret lill-Perit Frederick Doublet bhala perit tekniku.

Rat il-verbal ta` l-istess udjenza fejn il-konvenuti ddikjaraw li kienu ghadhom qeghdin jinsistu fuq l-ewwel eccezzjoni taghhom. Ghalhekk il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni tal-ewwel eccezzjoni.

**Rat is-sentenza parzjali li tat din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta` Jannar 1998 fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, spejjez ghall-konvenuti.**

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda in ezami moghtija minn Marco Vella fl-udjenza tal-4 ta` Marzu 1998 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta ; u t-traskrizzjoni tax-xiehda tieghu in kontroezami fl-udjenza tal-20 ta` Mejju 1998, flimkien mad-dokumenti li pprezenta fl-istess udjenza.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Francis Cachia u Saviour Micallef.

Rat l-atti kollha tal-procediment hekk kif kondott mill-perit tekniku Perit Frederick Doublet qabel miet fil-mori tal-kawza.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti kif presjeduta fl-udjenza tas-6 ta` Ottubru 2009 fejn hatret lill-Perit Mario Cassar bhala perit tekniku in sostituzzjoni tal-Perit Frederick Doublet, u taghtu l-istess inkariku u fakoltajiet li kellu l-perit precedenti.

Rat in-noti ta` sottomissjonijiet li skambjaw il-partijiet qabel il-perit tekniku pprezenta r-relazzjoni tieghu.

Rat ir-relazzjoni li pprezenta l-perit tekniku fl-14 ta` Ottubru 2013 u li kkonferma bil-gurament fl-udjenza tal-14 ta` Novembru 2013.

Rat ukoll l-atti li l-perit tekniku pprezenta mar-relazzjoni.

Semghet ix-xiehda tal-perit tekniku fl-udjenzi tad-19 ta` Gunju 2014 u tat-23 ta` Gunju 2014.

Rat it-twegibiet moghti in eskussjoni mill-perit tekniku.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tal-konvenuti.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-2 ta` Gunju 2015 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Generali

**Il-gbir tal-provi sar kollu kemm hu mill-perit teknici. L-inkariku originali kien inghata lill-kompjant Perit Frederick Doublet. Sakemm miet, il-gbir tal-provi ma kienx ghadu konkluz. Wara l-mewt tal-Perit Doublet, inhatar fl-istess inkariku l-Perit Mario Cassar. Wara li mar fuq il-post, u gabar il-provi li kien fadal, il-perit tekniku pprezenta relazzjoni li kkonferma bil-gurament tieghu. Id-deposizzjonijiet tal-persuni kollha li xehdu, flimkien mal-provi l-ohra li ngabru jinsabu fl-atti.**

## III. Ir-relazzjoni peritali

### 1) L-inkariku

Skond il-perit tekniku, l-inkariku tieghu kellu jistabilixxi :-

a) Jekk it-tqeghid tal-perlatino kienx skond is-sengha u l-arti.

b) Jekk il-materjal-perlatino kienx ta` kwalita` pattwita skond il-kuntratt.

c) Jekk il-materjal kienx imzellef kif indikat fl-eccezzjonijiet tal-konvenuti, kif ukoll illi l-materjal kellu kulur roza, u anke l-ghorik huwa difettuz, u li x-xogholijiet saru minghajr sorveljanza.

d) Jekk it-tqeghid tal-perlatino tal-kurutur tal-ewwel sular sarx skond is-sengha u l-arti.

**2) <u>Kostatazzjonijiet</u>**

Hekk ikkostata l-perit tekniku :-

1) Illi l-attur u l-konvenut iffirmaw kuntratt ta` xogholijiet datat it-12 ta` Novembru 1991 ; Dok.B a fol.7 fil-process. Paragrafu 16 jispecifika illi l-irham jista` jvarja fil-kulur u fil-vinitura. Uniformita` assoluta ma tistax tigi garantita. Paragrafu 17 jispecifika illi l-kampjuni tal-irham huma biss indikattivi.

2) Il-kejl sar skond dokument A a fol.10 fil-process. Illi skond statement ta` Hal Mann Tiling Projects, a fol.6 fil-process, il-konvenut ghandu debitu ta' Lm2,637.49 (€6,145.35) versu s-socjeta` fornitrici.

3) Irrizulta illi t-tqeghid tat-terrazzo tiles fl-ewwel sular ghamlu tiler li kien qabbad Dr. Azzopardi innifsu.

4) Illi l-esponent huwa tal-fehma illi t-tqeghid tal-madum tat-tip terrazzo fl-ewwel sular ma tqeghidx skond is-sengha u l-arti. Wisq aktar ma giex ippariggat mieghu t-tqeghid tal-perlatino, kemm fejn jiltaqghu l-faxxa perlatino ta` taht il-balavostri tal-kwekba, u kemm fejn tiltaqa` l-ahhar pedata mal-istess faxxa.

5) Illi hemm zewg bicciet perlatino hekk kif tidhol mill-bieb ta` barra illi ivarjaw hafna mill-bqija tal-paviment. Dok.MC1)/1/2.

6) Illi certa vinituri f`arja zghira imtlew b`kulur skur, u dan jidher li kien il-kagun ta` tiswija difettuza Dok.MC2)/1.

7) Illi l-lanjanzi tal-konvenut kienu jirrigwardaw il-paviment tal-irham li qieghed fil-pjan terran elevat li ghandu fir-residenza tieghu, kif ukoll ghal parti ghat-tqeghid tal-faxxa rham ta' taht il-balavostri tal-kewkba li hemm fl-ewwel sular Dok.MC3)/1/2/3.

8) Dawn ix-xogholijiet skond il-kejl/kont skeda A) a fol.10 fil-process jammontaw ghal valur totali ta` Lm4,028.

9) Illi l-konvenuti qed jitolbu riduzzjoni fil-prezz, u mhux li jinbidel ix-xoghol.

Il-perit tekniku jkompli jirrileva illi :-

L-esponent huwa tal-fehma illi minkejja illi fil-kuntratt tax-xoghol ikun hemm specifikati certa klawsoli illi jistabilixxu illi l-materjal jista jkollu varjanzi ghaliex huwa materja naturali, il-prezz li bih ittiehed ix-xoghol kien tali illi dan ghamel tajjeb ghal skart b'rizultat ta' partijiet tal-istess materjal li jkunu jvarjaw hafna mill-bqija ta' bicca xoghol partikolari.

**3) <u>Konkluzjonijiet</u>**

Il-perit tekniku jasal ghal dawn il-konkluzjonijiet :-

I) Illi l-attur ta` x`jifhem lill-konvenut illi x-xogholijiet ta` fornitura u tqeghid ta` irham fir-residenza tieghu gewwa H`Attard, kienu ser isiru taht is-sorveljanza stretta ta` foreman tal-istess socjeta` Hal Mann. Dan ma sehhx.

II) Illi meta l-konvenut dahal f`kuntratt ta` xogholijiet ma` socjeta` ta` dan il-kalibru, stenna, kif kellu d-dritt, illi l-istess socjeta` taghmel ix-xogholijiet kollha skond is-sengha u l-arti u up to a high standard.

III) Illi x-xogholijiet 'difettuzi' jinkludu l-pavimentar tal-irham u t-tqeghid tal-faxxa rham ta' taht il-balavostri tal-kewkba fil-pjan tal-ewwel sular. Illi dawn jammontaw ghal Lm4,028 (€9,385.20).

IV) Illi meta kkunsidra l-fatturi rilevanti ta' dawn id-difetti vis-à-vis l-entita` kollha tax-xogholijiet, l-esponent huwa tal-fehma illi ghandu jitnaqqas ammont mill-prezz pattwit, biex jaghmel tajjeb ghal dawn id-difetti.

V) Illi l-esponent huwa tal-fehma illi x-xoghol li fuqu ma hemmx dubju dwar il-kwalita` u t-tqeghid jammonta ghal madwar 70% tax-xoghol. Din hija figura suggettiva u l-esponent wasal ghaliha wara li kkunsidra il-fatturi rizultanti il-provi, u mill-esperjenza professjonali tieghu.

VI) Ghalhekk l-esponent huwa tal-fehma illi d-'danni' li sofra l-konvenut jammontaw ghal madwar 30% tas-somma Lm4,028 (€9,385.2), jigifieri Lm1,208.40(€2,815.60).

**4) Eskussjoni**

Waqt l-eskussjoni, il-perit tekniku fisser illi huwa beda jespleta l-inkariku tieghu mnejn kien halla l-kompjant perit tekniku precedenti. Ighid li qabel estenda r-relazzjoni huwa qies mhux biss il-provi li gabar hu, izda anke dawk li nstemghu mill-perit tekniku precedenti.

**5) Piz probatorju**

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti ... illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*

Ghalkemm, in linea ta` principju, Qormi mhijiex marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt dak *ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi*

*mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* ("**Grima vs Mamo et noe"** – Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998).

*Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.* ( ara - "**Cauchi vs Mercieca"** – Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 **; "Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 ; "**Tabone vs Tabone et**" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; '**Attard vs Tedesco et**' - Qorti tal-Appell – 1 ta` Gunju 2007 u **"Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et"** (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta` Dicembru 2008).

Din il-Qorti tirribadixxi li l-*giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli*" – ("**Bugeja et vs Muscat et"** – Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

## IV. Konsiderazzjonijiet

Din il-Qorti ghandha quddiemha talba ghall-hlas ta` ammont bilancjali li li s-socjeta` attrici tippretendi li ghadu dovut fuq prezz ta` bejgh u konsenja ta` rham mibjugh lill-kovenuti, kif ukoll il-prezz tat-tqeghid ta` l-istess irham. Mill-banda l-ohra, il-konvenuti qed isostnu li ma ghandu jsir l-ebda hlas aktar mis-somma ta` Lm3,765.70c, li gia` thallset lis-socjeta` attrici, u dana minhabba il-lanjanzi taghhom dwar il-materjal fornit, u dwar kif effettivament sar it-tqeghid.

Qabel ma tidhol fil-mertu ta` din il-vertenza, il-Qorti trid taghmilha cara li minn qari tal-process, jidher li l-unika eccezzjoni dwar preskrizzjoni, sollevata formalment fin-nota ta` eccezzjonijiet, hekk kif tirrikjedi l-ligi, kienet dik ai termini ta` l-Art 2148(a) tal-Kap 16 li kienet deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta` Jannar 1998. L-eccezzjoni kienet respinta.

Dwar allegati preskrizzjonijiet ohra, il-Qorti kkoncediet terminu ghall-presentata ta` nota ta` eccezzjonijiet, izda l-konvenuti, ghar-ragunijiet taghhom, ma ottemprawx ruhhom.

Ghalhekk, b`riferenza ghan-nota ta` sottomissjonijiet tal-konvenuti, il-Qorti mhijiex sejra tqis l-ebda eccezzjoni ohra ta` preskrizzjoni.

Dwar il-mertu, il-Qorti tosserva illi l-ilmenti tal-konvenuti, kif dedotti fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom, huma li : (i) l-irham '*beige` imwahhal mill-atturi kien `chipped` f`hafna bnadi tant illi hemm xquq f`hafna mill-paviment, kif ukoll hafna mill-irham fih lewn distint rosa, minbarra zewg kwalitajiet ohra ; (ii) li dan ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u sar minghajr sorveljanza; u dan nonostante li l-konvenuti kienu nsistew li ssir sorveljanza stretta mis-socjeta` fuq l-impjegati taghha waqt ix-xogholijiet ; (iii) li l-`polishing` huwa difettuz ; (iv) illi `polishing` tad-dberfila ta` madwar it-tarag, li sar minghajr sorveljanza, huwa `qasir` (i.e. ma jasalx sat-tarf) u allura meta twahhal l-irham tad-berfila, kien fadal `margin` id-dawra kollha tat-tarag li hi minghajr `polishing`.*

Il-Qorti diga` osservat illi l-kostatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku jikkostitwixxu **prova ta` fatt** ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi (ara "**Calleja vs Mifsud**" op. cit.)

Il-Qorti hadet nota wkoll tal-fatt li ebda parti ma ressqet talba ghall-hatra ta` periti teknici addizzjonali.

Wara li rat il-provi fl-assjem taghhom, il-Qorti tghid illi l-perit tekniku qies tajjeb l-aspetti teknici tal-kwistjoni bejn il-partijiet. Huwa evidenti anke mill-kwalita` tal-provi li tressqu illi l-qofol tal-kawza tal-lum kienu konsiderazzjonijiet teknici. Il-Qorti qieset illi, apparti li ra l-provi, sabiex hejja r-rapport tieghu, il-perit tekniku acceda ghal darba, darbtejn fl-ambjenti tad-dar tal-konvenuti fejn saru x-xogholijiet. Il-perit tekniku fisser ir-ragunijiet li wasslu ghall-konkluzjonijiet tieghu. Il-Qorti tqis bhala ben sostnuti l-kostatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet teknici tal-perit tekniku. Anke wara li tat il-konsiderazzjoni dovuta lis-sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti ma ssibx ragunijiet fondati ghaliex ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet teknici tal-perit tekniku, senjatament illi l-prezz tal-materjal u tax-xoghol pretiz mis-socjeta` attrici ghandu jonqos bi tletin fil-mija (30%) sabiex jaghmel tajjeb ghad-deficjenzi riskontrati u ppruvati fil-kwalita` tal-materjal u tat-tqeghid. Ghalhekk mhijiex kondiviza mill-Qorti l-fehma tal-konvenuti illi huma hallsu bizzejjed flejjes lis-socjeta' attrici ghal xoghol li ma ghogobhomx u li kwindi ma kellhom ihallsu xejn aktar.

Fejn il-Qorti ma taqbilx mal-perit tekniku huwa dwar il-konteggi li fuqhom ghandha tinhadem ir-riduzzjoni ta` 30%. Dwar dan l-aspett, il-kwistjoni ma tibqax aktar wahda teknika izda ssir materja ta` aritmetika bazata fuq dokumenti.

Kuntrarjament ghal dak li ssottomettew il-konvenuti, huwa evidenti mill-atti illi l-perit tekniku ha l-figura li tirrizulta mid-dokument a fol 10 tal-process ammontanti ghal Lm4,028 u minnha ghamel tnaqqis ta` 30%.

Madanakollu, ghad illi fl-imsemmi dokument, hemm imnizzel l-ammont ta` Lm4,028, meta l-Qorti rat l-invoices li kienu esebiti a fol 58 et seq tal-process, jidher li l-ammont indikat fid-dokument a fol 10 ma jikkorrispondix ezattament ma' l-ammonti li jidhru fid-dokumenti a fol 58 et seq tal-process.

Infatti meta l-Qorti rat id-dokumenti a fol 58 et seq, id-dokument a fol 6, u dokument iehor a fol 435 (liema dokument huwa simili ghal dak esebit a fol 6 ghalkemm b'data differenti) jidher li l-kont globali tax-xogholijiet kollha kien ta' Lm6,403.19c, ekwivalenti ghal €14,915.42c, li minnu l-konvenuti hallsu s-somma ta` Lm3,765.70c, ekwivalenti ghal €8,771.72c. Ghalhekk fil-kawza tal-lum, is-socjeta` attrici talbet il-hlas ta` l-bilanc ta` Lm2,637.49c, ekwivalenti ghal €6,143.70.

Ghalhekk il-Qorti sejra tikkalkola t-tnaqqis ta` 30% mhux abbazi tal-figura adottata mill-perit tekniku izda abbazi tal-kont globali ta` Lm6,403.19c ; u cioe` riduzzjoni ta` Lm1,920.96, ekwivalenti ghal €4,474.63c. Dan huwa dan l-ammont li ghandu jigi ridott mill-kont shih.

**B`dawn l-*accorgimenti* jigi li l-ammont dovut mill-konvenuti lis-socjeta` attrici ma jibqax dak pretiz ta` Lm2,637.49c, ekwivalenti ghal €6,143.70, izda ghandu jkun l-ammont ta` Lm716.53c ekwivalenti ghal €1,660.07 u cioe` : Lm6,403.19 @ 70% – Lm3,765.70.**

Tibqa` l-kwistjoni tal-imghax.

Ghalkemm fic-citazzjoni s-socjeta` attrici talbet ammont likwidat, ghalkemm talbet il-hlas tal-imghax legali, u ghalkemm ghamlet riferenza ghall-presentata ta` ittra ufficjali fis-6 ta` Frar 1996, din il-Qorti mhijiex tal-fehma li fil-kaz tal-lum l-imghax legali ghandu jiddekorri mid-data tal-presentata tal-ittra ufficjali tas-6 ta` Frar 1996 billi l-Art 1141(2) tal-Kap 16 m`ghandux ighodd ghall-kaz tal-lum. Tajjeb jinghad li fl-ittra ufficjali taghha, is-socjeta` attrici talbet <u>specifikament</u> il-hlas ta` Lm2,637.49. Bil-pronunzjament taghha tal-lum, il-Qorti qeghda tghid li l-ammont <u>attwalment</u> dovut huwa ta` Lm716.53c. Sabiex waslet ghal din is-somma, il-Qorti kellha taghmel il-process ta` likwidazzjoni fuq riferit bl-assistenza ta` perit tekniku. Dan ifisser li l-figura ta` Lm716.53c ghandha titqies bhala konsegwenza ta` process ta` likwidazzjoni mhux aktar bhala figura fissa kif kienet dik originarjament pretiza mill-kumpannija attrici. Ghalhekk l-imghax legali ghandu jiddekorri mil-lum.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**Tilqa` parzjalment l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti.**

**Tilqa` t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` elf sitt mija u disgha u sittin Ewro u seba` centezmi (€1,669.07) ekwivalenti ghal seba` mija u sittax-il Liri Maltin tlieta u hamsin centezmu (Lm716.53c) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tordna illi l-ispejjez ta` din il-kawza, komprizi dawk tal-ittra nterpellatorja tas-socjeta` attrici tas-26 ta` Frar 1993 u dawk tal-ittra ufficjali tas-socjeta` attrici tas-6 ta` Frar 1996, ghandhom jithallsu in kwantu ghal sebghin fil-mija (70%) mill-konvenuti u in kwantu ghal tletin fil-mija (30%) mill-atturi.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**